MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 242/2007

**John u Carmen konjugi Fenech u Lucinda mart Brian Hili fil-kwalita' taghhom ta' eredi ta' Graziella Fenech**

**Vs**

**Ivan Cutajar**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-5 ta' Marzu 2007, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi fil-21 ta' Awissu 2005, gewwa Triq is-Sebh, Hal Qormi, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni FBP-073 b'velocita' sfrenata u kontra r-regolamenti tat-traffiku b'negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' hila fl-arti tas-sewqan, huwa investa lil Graziella Fenech, minuri ta' tlettax-il sena (certifikat tat-twelid dokument 'A'), b'dan illi kkaguna l-mewt taghha li grat fl-24 ta' Awissu 2005, kif jidher mill-anness certifikat*

*tal-mewt dokument "B", kif ukoll ikkaguna l-mewt ta' habiba taghha meta dawn kienu qeghdin jaqsmu Triq is-Sebh, Hal Qormi;*

*2. Illi mill-inkjesta li ghamel il-Magistrat Inkwirenti in segwitu ghal dan l-incident, gie konkluz illi ghall-incident fatali in kwistjoni kien jahti l-istess konvenut tant illi l-istess konvenut gia gie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna l-mewt ta' Graziella Fenech kif ukoll ta' Emma Marie Housley minuri ta' sbatax-il sena. Gie wkoll akkuzat talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi saq il-vettura numru FBP-073 b\manjiera perikoluza, b'mod negligent u bi speed eccessiv;*

*3. Illi bhala konsegwenza tal-mewt ta' Graziella Fenech, l-atturi l-konjugi Fenech li jigu l-genituri tal-minuri Graziella Fenech u l-attrici Lucinda Hili li tigi ohtha, u li t-tlieta li huma huma l-eredi ta' l-istess Graziella Fenech, soffrew danni kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi interpellat jasal ghal-likwidazzjoni u hlas bonarju tad-danni sofferti mill-atturi in segwitu ghal dan l-incident, il-konvenut baqa' inadempjenti anke wara li gie notifikat permezz tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Novembru, 2005 (Dokument C);*

*5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*6. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*a. tiddikjara u tiddeciedi illi l-mewt ta' Graziella Fenech sehhet b'tort unikament tan-negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tieghu u li per konsegwenza l-atturi sofrew danni;*

*b. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*c. konsegwentament tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni dik is-somma li tigi hekk illikwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-7 ta' Novembru 2005 innotifikata kemm lill-konvenut kif ukoll lis-socjeta' assikuratrici tieghu Fogg Insurance Agencies Limited, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.*

Il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi l-incident mertu tal-proceduri odjerni sehh meta Graziella Fenech qasmet minn post perikoluz fi triq arterjali, minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet mehtiega, b'mod illi, kompletament accidentalment u minghajr ebda htija da parti ta' l-esponenti, giet minnu investita, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi ghalhekk isegwi illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-imsemmija defunta Graziella Fenech, kif ga' nghad;*

Il-qorti rat l-atti.

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Awissu 2005 ghal habta tad-9.30 ta' filghaxija fi Triq is-Sebh[1], Qormi. Fl-incident mietu Emma Marie Housely ta' 17 il-sena u Graziella Fenech ta' 13 il-sena, li waqt li kienu qeghdin jaqsmu t-triq ittajru mill-vettura Ford Focus FBP-073 misjuqa mill-konvenut.

Skond l-atturi l-incident gara minhabba li l-vettura kienet qeghda tinstaq b'velocita qawwija. Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li t-tort kien tal-pedestrians peress li qasmu minn post perikoluz minghajr ma hadu l-prekawzjonjiet mehtiega.

[1] Maghrufa wkoll bhala l-Bypass tal-Mriehel.

**<u>Responsabbilta'</u>**.

1. Il-qorti rat l-atti u l-atti tal-kawza 531/2006 li giet deciza llum u hi tal-fehma li t-tezi tal-konvenut ma tikkonvinci xejn. Ghal dak li jikkoncerna din il-parti tas-sentenza, il-qorti ser tirrepeti dak li qalet fis-sentenza li nghatat fil-kawza 531/2006 peress li l-meritu hu identiku.

2. Il-konvenut xehed li:-

   i. kien qieghed isuq fil-karreggata ta' barra bil-hsieb li jghaddi minn fuq il-pont.
   ii. fil-hin li sehh l-incident kien qieghed isuq b'velocita ta' bejn 60 u 70 kilometru fis-siegha; *"Zgur li ma kontx ghaddej bil-mija"*[2]. Fatt li rega' kkonferma meta xehed in kontro-ezami (seduta 18 ta' Gunju 2013, fol. 189).
   iii. F'hin minnhom hass daqqa fuq in-naha ta' quddiem tal-karozza, fuq ix-xellug; *"Jiena lit-tfajliet ma rajthomx qabel ma lqatthom u ghalhekk ma kellix ghalfejn nibbrekja qabel id-daqqa. Jiena l-brake ghafastu biss meta hassejt id-daqqa"* (fol. 166).

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut tefa' l-htija tal-incident fuq il-vittmi billi argumenta:

   - *Qasmu minn triq arterjali perikoluza;*
   - *Qasmu mill-parti tat-triq illi kienet fid-dlam cappa u kienet allura totalment invizibbli ghall-esponenti;*
   - *Ghazlu illi jaqsmu minn parti perikoluza tat-triq meta setghu facilment imminimizzaw ferm tali perikolu li kieku qasmu mill-pont illi hemm ftit tal-metri 'l isfel it-triq;*
   - *B'mod illi holqu emergenza subitanea ghall-epsonenti illi ma kienx ragonevolment mistenni illi jobsor illi kellu jitfacca pedestrian, illi jaqsam minn go nofs id-dlam cappa, ghal fuq triq magguri, minghajr ma ta' l-anqas jiehu prekawzjoni sabiex jaccerta ruhu illi ma kienx hemm vetturi fuq it-triq qabel ma jaqsam it-triq*;

   Il-qorti hi tal-fehma li:-

i. M'hemmx dubju li Triq is-Sebh, maghrufa bhala l-Bypass tal-Mriehel, hi triq principali. Filwaqt li l-qorti taccetta li l-post fejn sehh l-incident hu perikoluz biex taqsam, b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenut hu ezentat milli jwiegeb ghal dak li gara. Fil-kawza **Salvatore Bongailas vs Joseph Mercieca**, deciza fl-20 ta' Jannar, 1967, il-Qorti tal-Appell osservat: *"fejn*

[2] Affidavit a fol. 166.

*m'hemmx regolat b'xi mod partikolari l-passagg tal-pedestrian, pedestrian li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies x'intruz; u fil-waqt illi l-pedestrian ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' periklu jew emergenza, min naha l-ohra d-drivers ta' karozzi, li huma magna ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' periklu jew dannu ghall-pedestrians li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq".*

ii. Ma tressqux provi li fejn sehh l-incident it-triq kienet fid-dlam. Anzi fil-verbal tal-access li ghamel l-avukat Dr Simon Micallef Stafrace fil-21 ta' Awissu 2005 fl-10.00 p.m, inkarigat mill-Magistrat inkwirenti, jinghad li *"….d-dawl sofor tal-Gvern funzjonanti"*. Li fit-triq kien hemm id-dawl hu wkoll evidenti mir-ritratti li ttiehdu dakinhar tal-incident mis-surgent tal-pulizija Jack Farrugia[3]. Il-konvenut stess xehed: *"Mistoqsi jekk kienx hemm dawl fit-triq nghid li kien hemm. Id-dawl tat-triq kien fuq l-isfar"* (seduta tat-18 ta' Gunju 2013). Fir-ritratti li ttiehdu waqt l-inkjesta jidhru mixghulin l-arbli tad-dawl tat-triq. Sahansitra f'wiehed mir-ritratti hemm il-kadavru mghotti ta' Emma Marie Housley proprju taht arblu tad-dawl mixghul. Ghalhekk it-tezi tal-konvenut li t-triq kienet fid-dlam cappa hi hrafa. Dan apparti li suppost il-vettura misjuqa mill-konvenut kellha d-dawl mixghul, fatt li kkonferma hu stess.

iii. Il-qorti ma tarax x'kien ser ibiddel 'l fatt kieku l-vittmi qasmu iktar vicin il-pont. Ma ngiebu l-ebda provi f'dan is-sens.

iv. Il-konvenut ma kellux dritt li jipprezumi li minn dik it-triq ma jaqsmux nies. Il-konvenut ma kienx qieghed isuq *f'racing track* izda fi triq pubbliku **f'zona abitata**. Fil-fatt min-naha minn fejn qasmu l-vittmi, ftit passi 'l boghod hemm zona residenzjali. Fil-gemb tat-triq hemm ukoll bankina (ara ritratti). Xufier ta' vettura m'ghandu jassumi xejn. Waqt is-sewqan ghandu d-dmir li jizgura li jzomm *proper lookout* u jsuq b'mod li f'kull hin ikollu kontroll shih tal-vettura tieghu[4]; *"hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli"* [**G. Debono vs P. Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112)]. Sewqan matul il-lejl jitlob iktar attenzjoni u prudenza. Sewqan bi *proper lookout* ma jfissirx li x-xufier jara biss li jhares 'il quddiem.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut argumenta li l-brake marks li jidhru fil-pjanta li hejja l-perit Richard Aquilina (fol. 123) m'humiex tal-vettura tieghu. Dwar il-marki li nstabu fl-art wara l-vettura tal-konvenut:-

[3] Ara per ezempju O5FPL101, 102 u 103.
[4] Ara rakkomandazzjoni 270 tal-Highway Code.

(a) L-avukat Dr Simon Micallef Stafrace kiteb, fil-verbal tal-access li sar dakinhar tal-incident, li:

*"Mar-roti ta' wara tal-Ford liema tul ta' 102 metri hemm tul ta' brake-marks qawwija. Dawn huma dritti xemgha hlief mil-posizzjoni tal-kadavru lejn il-vettura fejn huma aktar angolati lura……"* (fol. 43).

Meta xehed fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 qal:

*"Wasalna fuq il-post. Kien hemm vettura li kellha hsarat relattivament ta' certu entita'. Li f'ghajnejja deher mill-ewwel mhux tas-soltu kien li kien hemm tul ta' brake marks qawwijin u fit-tul hafna"* (fol. 104B).

(b) It-tul taghhom jirrizulta mill-pjanta li ghamel il-perit Richard Aquilina (fol. 123) li hi skalata 1:100. Marki li ghandhom tul ta' iktar minn 100 metru.

(c) Fil-kontro-ezami ta' dawn ix-xhieda ma saru l-ebda domandi relatati mal-allegazzjoni li marki m'humiex tal-vettura tal-konvenut. Il-konvenut kellu kull opportunita' li waqt il-kontro-ezami tal-perit Aquilina jindirizza dak li qal fin-nota ta' sottomissjonijiet. Madankollu irrispettivament mill-wisa' tal-marki, dak li hu determinanti hu li l-marki li nstabu fil-post huma kontinwi u jaslu proprju sal-vettura tal-konvenut. Fil-verbal tal-access tal-perit tekniku jinghad: *"Fuq il-post kien hemm brakemark twil li jwassal sa fejn kien hemm karozza Ford Focus Nru: FBP 073 li kellha l-Bonnet mghattan…."* (fol. 125). Il-konvenut xehed: *"… .mir-ritratti li hadu l-Pulizija, dan il-brake mark jidher illi jibda ferm qabel il-karozza tieghi u jaqbizha, dejjem ghad-dritt"* (fol. 167). Hu evidenti li l-brake mark li jidher fir-ritratti 05CPL116 u 05CPL113 m'ghandu x'jaqsam xejn mal-marki li l-esperti nkarigati mill-Magistrati Inkwirenti sabu wara l-vettura. Fit-triq ma jkunx hemm brake mark wiehed. Fil-fehma tal-qorti l-konvenut qieghed ikun opportunist billi jipprova jibni argument minn brake mark li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in ezami. Verzjoni li l-qorti tqies bhala hrafa ohra tal-konvenut. Dan apparti li l-marki li sabu l-esperti ezatt wara l-vettura tal-konvenut ma kienux dritti xemgha kif inhu l-brake mark li ghalih irrefera l-konvenut.

(d) Mill-pjanta tal-perit Aquilina hu evidenti li l-vittmi ttajjru distanza konsiderevoli qabel il-post fejn waqfet il-vettura tal-konvenut. Fil-fatt l-oggetti li nstabu f'points B, C, D u E jikkonfermaw dawn. Il-qorti tikkalkola li hemm distanza ta' iktar minn 50 metru minn fejn sehh l-impatt sa fejn waqfet il-vettura.

4. Jirrizulta li fid-direzzjoni li kien qieghed isuq il-konvenut, l-vittmi kienu qeghdin jaqsmu minn fuq ix-xellug tieghu. Xhieda okulari ma kienx hemm. Fit-triq ma kienx hemm post allokat minn fejn persuna tista' taqsam.

Mill-provi ma jirrizultax li dan kien kaz ta' pedestrians li qasmu t-triq ghall-gharrieda minghajr ix-xufier ma kellu l-opportunita li jiehu azzjoni biex jevita l-incident. Fil-fatt fil-mument tal-impatt il-vittmi kienu diga' jinsabu fil-karreggata li minnha kienet ghaddejja l-vettura misjuqa mill-attur, cjoe' l-*outer lane*.

Il-konvenut xehed: *"qabel l-incident ma rajt lil hadd jaqsam it-triq"*[5]. Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2013 xehed: *"Qed nigi mistoqsi jekk allura t-tfajliet qasmux min-naha tax-xellug ghal quddiemi, jiena li kont qed insuq fuq il-lemin, nghid jiena ma nafx minn fejn qasmu. Jiena ma rajthomx jaqsmu. U dan ghaliex ma nafx minn fejn qasmu. Ma nistax nghid minn fejn qasmu"*. Kliem li jekk wiehed kellu jemmnu[6], jista' jfisser biss li l-konvenut ma kienx qieghed izomm a *proper lookout*. Fejn sehh l-incident hu ghad-dritt u x-xufier ghandu vizwali fit-tul. Dan apparti li ghalkemm kien bil-lejl it-triq kienet imdawwla. Hemm oneru qawwi fuq xufiera li waqt li jkunu qeghdin isuqu jkunu attenti ghall-pedestrians fit-triq.

Il-konvenut xehed li kien qieghed isuq b'velocita ta' bejn 60 sa 70 kilometru fis-siegha. Kieku dan hu veru d-dinamika tal-incident kienet tkun ferm differenti. Skond rakkomandazzjoni 104 tal-Highway Code:

*Excessive speed increases both the possibility and the severity of accidents. Overspeeding and impatience are a sign of poor driving and jeopardise the safety of innocent persons. In the short distances normally travelled in Malta, the difference in journey time between a trip at breakneck speed and a safe and comfortable drive is to be counted in minutes*.

Xufier li jkun koncentrat u qieghed isuq b'dik il-velocita' li semma l-konvenut kien jinduna bil-presenza tal-vittmi jaqsmu t-triq, u mhux jinduna bl-istragi li ghamel wara li hareg mill-vettura. Jirrizulta li sakemm waqfet, ir-roti tal-vettura hallew marki fl-art b'tul ta' **102 metri**. Il-konvenut ma ressaqx provi li jikkontradicu dan 'il fatt ikkonstatat mill-perit Aquilina dakinhar li sehh l-incident. Il-verzjoni tal-konvenut li kien qieghed isuq b'velocita' ta' bejn 60 u 70km fis-siegha hi fqira u mhux kredibbli.

[5] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2005 quddiem Dr Micallef Stafrace (fol. 116).

[6] F'dan ir-rigward is-surgent Joseph Bayliss xehed li meta mar fil-post tal-incident tkellem mal-konvenut li qallu: *'x'hin rajthom ser jaqsmu naqqast, izda huma baqghu jaqsmu u ma nafx x'gara'* (fol. 403). Verzjoni li hi ferm differenti minn dik li ta waqt l-inkjesta, fil-proceduri kriminali u f'din il-kawza. Dan apparti li minn fejn jibdew il-marki fit-triq, li huma tal-vettura tal-konvenut, sa fejn instabu l-oggetti fit-triq, hemm iktar minn 40 metru (ara pjanta tal-perit Aquilina). Indikazzjoni li l-konvenut ra lit-tfaljiet qeghdin jaqsmu. Irrispettivament liema hi l-verita, jibqa' 'l fatt li minhabba velocita eccessiva l-konvenut ma kellux kontroll shih fuq il-vettura u kien qieghed isuq b'mod perikoluz u negligenti.

Mid-dettalji li hemm fir-rapport tal-perit Richard Aquilina u l-pjanta mehmuza, il-qorti tikkonkludi li l-vettura kienet qeghda tinstaq b'velocita konsiderevolment iktar gholja mill-velocita' dikjarata mill-konvenut. Dan meta tikkunsidra:-

(a) It-tul tal-marki li nstabu fl-art fuq wara tal-vettura;
(b) Id-distanza minn fejn sehh l-impatt[7] safejn waqfet il-vettura hi sinifikanti, iktar u iktar meta tqies li l-vettura kellha sistema ta' brejkijiet ABS. Distanza li mxiet il-vettura minkejja l-impatt vjolenti mal-vittmi.
(c) L-art kienet xotta.
(d) Xhieda ta' Joseph Zammit, li spezzjona l-vettura fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti, u kkonferma li ma kellhiex difetti.
(e) Il-vizwali fit-tul li kellu l-konvenut.
(f) Li l-konvenut xehed li kien biss wara li nizel mill-vettura li sar jaf li tajjar tnejn min-nies. Kliem, jekk veru, juri li fic-cirkostanzi tal-kaz il-konvenut ma kienx attent ghal dak li qieghed jigri quddiemu.

L-impatt tant kien vjolenti li mir-ritratt 05CPL 148 jidher kif l-indikaturi tal-ispeedometer u tal-rpm meter inqalghu minn posthom.

Velocita' li ma ppermettietx lix-xufier li jkollu kontroll fuq il-vettura fil-mument tal-incident. Il-konvenut ma kienx qieghed isuq bi prudenza u fil-parametri tar-regolamenti tat-traffiku. Dan ma kienx kaz ta' pedestrian li dahal fit-trajettorja ta' vettura minghajr ma ta l-opportunita' lix-xufier li jiehu azzjoni biex jevita l-incident. Il-qorti m'ghandhiex dubju li bil-velocita rresponsabbli li biha kienet qeghda tinstaq il-vettura, il-vittmi qatt ma kellhom cans jaharbu l-mewt.

Wiehed jista' jipprova jargumenta li kien hemm negligenza kontributorja min-naha tal-vittimi ghaliex qasmu minn triq li kienet perikoluza. Dwar dan il-qorti tghid:-

(i) Meta sehh l-incident, f'dik iz-zona ma kienx hemm *pedestrian crossing*. Dan ma kienx kaz ta' pedestrian li volontarjament ghazel li jinjora *pedestrian crossing* f'distanza ragonevoli. Hu minnu li llum f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, fuq is-*centre strip* hemm fencing tal-hadid gholi. Dan ma jippermettix li pedestrian jaqsam it-triq. Pero' l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq dak li kien hemm fiz-zmien li sehh l-incident.

(ii) Mill-provi rrizulta li fil-mument li sehh l-incident il-vittmi kienu diga' qasmu iktar min-nofs it-triq. Triq li fiha zewg karreggati. Inoltre l-impatt mal-vettura kien fuq in-naha tax-xufier (ara ritratti). Cirkostanzi li juru li meta sehh l-incident l-vittmi kienu diga' qasmu l-parti l-kbira

[7] Ghalkemm l-*ispot of impact* ma giex determinat, huma rilevanti l-oggetti li nstabu u markati fil-pjanta tal-perit Aquilina bl-ittri B, C, D u E (fol. 123).

tat-triq. Ghalhekk il-presenza taghhom fit-triq ma kenitx cirkostanza li kellha tahsad xufier ta' vettura li qieghed isuq b'mod diligenti.

Dan verament kien kaz li ghalih japplika l-messagg li *Speed Kills*. Il-qorti m'ghandhiex dubju li l-kawza prossima ta' din l-istragi hi nuqqas ta' *proper lookout* min-naha tal-konvenut u l-velocita sfrenata li biha kien qieghed isuq. Agir li seraq il-hajja ta' zewg zghazagh innocenti u biddel il-hajja tal-familjari taghhom. Sfortunatament huma hafna dawk ix-xufiera li ma jirrejalizzawx jew ma jridux jifhmu li meta vettura ma tintuzax skond ir-regolamenti tat-traffiku, hi oggett perikoluz. Fit-toroq, ta' kuljum tara per ezempju xufiera jitkellmu fuq il-mobile u jsuqu jew isuqu b'velocita' li m'hemmx lok ghaliha fit-toroq f'Malta. Hu evidenti li hawn nuqqas ta' edukazzjoni u nuqqas ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti fl-infurzar tal-ligi. Hemm bzonn ukoll li l-qrati jkunu iktar iebsin meta jaghtu l-pieni. Hu inaccettabbli li tittiehed il-hajja ta' bniedem ghall-kapricc ta' haddiehor. Il-messagg ghandu jkun car u f'dan ir-rigward il-qrati ghandhom rwol importanti.

**Danni**.

Graziella Fenech twieldet fis-17 ta' Ottubru 1991. Ghalhekk fid-data tal-incident kellha tlettax-il sena. Ma nghata l-ebda taghrif dwar kif kienet tmur fl-iskola[8].

Fil-likwidazzjoni ta' danni dejjem hemm element ta' incertezza iktar u iktar meta tqies, fost'affarijiet ohra:-

1. Li l-vittma tkun minorenni u m'ghandhiex karriera;
2. Il-perjodu twil ta' multiplier minhabba l-eta' tenera;
3. M'huwiex maghruf kemm il-vittma kienet ser tghix kieku ma sehhx l-incident;
4. M'huwiex maghruf x'tip ta' impjieg kien ser ikollha, jekk ikollha, matul il-hajja lavorattiva u kemm kienet ser iddum tahdem.

Il-kalkoli ser isiru fuq:-

i. Multiplier ta' **36 sena** meqjus l-incertezza tal-futur;
ii. Hu minnu li fid-data tal-incident il-vittma ma kellhiex qliegh. M'hemm xejn li juri li l-vittma ma kenitx kapaci li fil-futur qarib issib impjieg li jrendilha iktar minn paga minima. Fil-fehma tal-qorti ghalkemm il-vittma tkun ghadha ma bdietx tahdem, dan m'ghandux

[8] L-uniku taghrif li nghata dwar il-vittma hu li kienet tipprattika l-isports, b'mod partikolari l-futbol. Missierha xehed: *"….. fil-fatt dejjem mohha biex tmur it-training u jien kont inwassalha"* (fol. 29 tal-kawza 531/2006 deciza llum).

awtomatikament iwassal sabiex il-kalkoli tad-danni jsiru fuq *minimum wage*. Il-presunzjoni ghandha tkun li fil-futur persuna ssib impjieg u li l-qliegh ikun iktar mill-*minimum wage*. Li persuna ma tahdimx jew li l-qliegh taghha jkun il-minimum wage m'hijiex in-norma. L-istat ta' incertezza m'ghandux jippenalizza lil min sofra d-dannu. Hu fatt li minhabba l-eta' zghira tal-vittma, m'huwiex possibbli li wiehed jipprevedi x'impjieg kien ikollha fil-futur. Fic-cirkostanzi u meqjus ukoll il-medda tal-hajja lavorattiva tal-minuri, il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq qliegh annwali ta' **€13,000**[9].

iii. Tnaqqis ghall-konsum u dipendenza. Hu ovvju li kieku l-vittma kompliet b'hajjitha, parti mill-qliegh kien ser jintefaq minnha. Bazat fuq dak li nghad fis-sentenza **A. Turner et vs F. Agius et**, Qorti tal-Appell tat-28 ta' Novembru 2003, ser titnaqqas **25%** mill-ammont li ser jigi likwidat. Hekk ukoll ser jitnaqqas **33%** ghal dak li jikkoncerna l-grad ta' dipendenza.

iv. Lump sum payment – il-kawza giet intavolata fit-12 ta' Gunju 2006. Wara li l-qorti qieset il-gurisprudenza ser tnaqqas is-somma ta' 10%.

€13,000 x 36 = €468,000 - 25% - 33% - 10% = **€211,653**.

Ghaldaqstant id-danni huma fis-somma ta' **mitejn u hdax-il elf sitt mija u tlieta u hamsin ewro (€211,653).**

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-atturi. Tillikwida s-somma ta' mitejn u hdax-il elf sitt mija u tlieta u hamsin ewro (€211,653) bhala danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din is-somma, bl-imghax mil-lum. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

[9] Minhabba l-istat ta' incertezza u nuqqqas ta' taghrif il-qorti hi tal-fehma li c-cifra proposta mill-atturi, qliegh ta' €21,000 fis-sena, hi wisq. L-inqas skala f'impjieg mal-Gvern (ara Budget Estimates) hi skala 20 li tfisser salarju ta' €9,158 fis-sena u bl-increments titla' sa massimu ta' €10,348. Meqjus li l-multiplier hu ta' 36 sena, il-probabilita' hi li matul is-snin is-salarji f'Malta ser ikompli jizdiedu u fil-likwidazzjoni dan irid jittiehed in konsiderazzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------